**KUNSILL LOKALI SANTA VENERA**

**SANTA VENERA LOCAL COUNCIL**

41/19

**Il-Wieħed u erbgħin (41) laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar it-22 ta' Ġunju, 2015 fis-6.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace Anastasi | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Segretarju Eżekuttiv |
| | Gianluca Falzon | - | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| **Skużat** | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |

**Aġenda:**

1. Talba
2. Qari w approvazzjoni tal-minuti
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti
4. Korrispondenza
5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni
6. Ilmenti
7. Ordnijiet tal-ġurnata
   (a) Laqgħa mas-Supt. Bartolo u l-Pulizija
   (b) Festa 2015
   (c) Xogħol infrastrutturali
8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati
9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
10. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

Is-Sindku ta' merħba lill-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ is-Sur Gianluca Falzon.

***2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti***

2.1 Il-Minuti 41/19 ttieħdu bħala moqrija

2.2 **Korrezzjoni tal-Minuti**

2.2.1 **Minuta 2.5** - titneħħa l-kelma "is-Sindku" u issir "is-Sur Silvio Vella".

2.2.2 **Minuta 7 (a)** - titneħħa l-kelma "*financial*" u issir "*future*"u itneħħa l-kelma "koreġut" u ssir "kkoreġut".

2.2.3 **Minuta 3.1** - titneħħa l-kelma "żagħżagħ" u issir "żgħażagħ".

2.2.4 Minuta 4.2 – titneħħa l-kelma "jidħli" u ssir "jidħlu".

2.2.5 **Minuta 9.1** – titneħħa l-frażi "li tinxtaradeċiż".

## 3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti

3.1 Minuta 3.1 - Is-Sindku awgura mill-ġdid lill-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ is-Sur Gianluca Falzon u ppreżentalu ċ-ċertifikat tal-ħatra.

3.2 Minuta 3.2 – Is-Sindku nforma lill-membri lis-Sur Darren Carabott li huwa skużat mil-laqgħa, bagħat ir-rapport tat-twinning li sar ġewwa Bram fi Franza. Liema rapport tpoġġa fuq il-mejda għall-attenzjoni tal-kumplament tal-membri.

3.3 Minuta 3.4 - Is-Sindku nforma lill-membri li wara li saru l-modifikazzjonijiet fuq il-pjanta tal-proġett tal-Palazz l-Aħmar issa jmiss li qabel jibda l-proċess tal-applikazzjoni mal-Mepa naraw il-*financial costings*.

Il-Membri qablu unanimament

3.4 Minuta 3.6 - Is-Sindku nforma lill-membri li dwar l-iskema tal-Proġetti ta' restawr fejn skont il-formola kull Kunsill jista' japplika għall-proġett wieħed biss fejn l-ammont finanzjarju ta' restawr ikun wieħed konsiderevoli. Għaldaqstant is-Sindku ppropona li l-Kunsill wara anke konsultazzjoni li saret mal-Perit għandu japplika sabiex jiġi restawrat il-bieb fi triq l-Imsida minħabba l-periklu u l-istat li jinsab fih.

Il-Membri qablu unanimament.

F'dan l-istadju, fis-7.50 pm wasal il-Viċi Sindku s-Sur Jonathan Brimmer.

3.5 Minuta 3.7 – Is-Sindku nforma lill-membri li dwar l-attivita' kulturali fl-għeluq mill-400 sena tal-Akkwadott, Farsons għoġobhom jipprovdulna €500 sabiex isiru *leaflets* dwar l-istorja tal-Akkwadott u jipprovdulna x-xorb għall-festin għal 250 ruħ. Is-Sindku rrimarka li jeħtieġ aktar sponsors sabiex din timmaterjalizza.

F'dan l-istadju (7.00pm) is-Sindku talab is-sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġi diskuss punt 7(a) tal-Aġenda.

7(a) Is-Sindku rringrazzja lis-Supretindent Bartolo li laqa' l-istedina tal-Kunsill sabiex jattendi għall-laqgħa u jkunu diskussi fost l-oħrajn il-festa, il-problemi tal-ħatt tal-containers, il-karozzi abbandunati u l-vandaliżmu fil-lokal.

**(i) Il-Festa**

Is-Sindku nforma lis-Supt. Bartolo fuq il-pjan ta' kif għandu jgħaddi it-traffiku fi żmien il-festa. Is-Supt Bartolo qabel mal-proposta u talab lis-Sindku sabiex jgħaddilu site plan sabiex b'hekk ikun jista' jsejjaħ laqgħa mas-Sur Andrew Haig minn Transport Malta.

Is-Supt. Bartolo spjega wkoll dwar meta jinħaraq in-nar fuq l-periklu li jkun hemm minħabba t-traffiku. Fuq dan il-punt is-Sindku nsista u saħaq li ġaladarba dejjem ħarġu il-permessi meħtieġa mill-Awtoritajiet konċernati huwa jħoss li l-affarijiet għandhom jibqgħu l-istess bħas-snin ta' qabel.

Is-Supt.Bartolo nforma lill-membri tal-Kunsill li bħal kull sena l-*extras* tal-pulizija jkunu jridu jitħalsu *at an extra cost*.

Il-Membri qablu unanimament

**(ii) Ħatt tal-Containers**

Is-Sindku rrimarka fuq il-problema li qed iġarrbu r-residenti kull meta jkun hemm il-ħatt tal-*containers* fit-toroq residenzjali bħal ma huma ta' Triq il-Brunżar, Triq Qormi, Triq Patri Franġisk Grech, Triq il-Fawwara, Triq Misraħ Santa Venera, Triq Ċikku Portanier, Triq Salvinu Spiteri u Triq Carini.

Wara li din il-problema kienet diskussa, il-Kunsill ħass il-ħtieġa sabiex isejjaħ Laqgħa Pubblika f'data li tiġi kkomunikata aktar tard sabiex b'hekk, quddiem l-istess preżenza tas-Supretindent, ir-residenti preżenti jkunu jistgħu jagħmlu l-ilmenti u ssuġġerimenti tagħhom sabiex b'ħidma kollettiva nippruvaw insolvu din il-problema.

Il-Membri qablu unanimament.

**(iii) Karozzi Abbandunati**

Is-Sindku tkellem fuq il-problema li hawn fir-rigward tal-karozzi abbandunati li qed jitħallew f'diversi toroq f'Santa Venera fejn ħafna minnhom jkunu anke bil-liċenzja skaduta. Is-Sindku enfasiżża li dawn qed ikunu ta' inkonvenjent għar-

residenti minħabba l-fatt li qed jestakolaw il-parking bays filwaqt li oħrajn qed ikunu ipparkjati bl-addoċċ.

Is-Supt. Bartolo spjega li minn naħa tal-pulizija bil-ftit rizorsi li għandhom qed jippruvaw jieħdu azzjoni fuq dawn il-karozzi kif inhu stipulat fil-liġi.

Saret diskussjoni wkoll fuq l-ipparkjar illegali li qed isir fi Triq il-Kanun u fi Triq il-Parroċċa.

**(iv) Vandalizmu**

Is-Sindku qajjem il-punt dwar il-vandaliżmu li huwa mifrux mal-lokal. Dan jidher ċar peress li ftit tal-ġimgħat ilu sar vandaliżmu fuq irħam komememorattiv li hemm ġewwa il-ġnien Romeo Romano. Is-Sindku tkellem ukoll fuq ċetru atti li jsiru fl-istess ġnien Romeo Romano. Apparti minn hekk is-Sindku rrimarka wkoll fuq dar Thourat fejn qed ikun hem ksur tal-ordni pubblika għaldaqstant dawn qed ikunu ta' inkonvenjent ghar-residenti.

Is-Supt. Bartolo wieġeb li hu għal kull każ ta' vandalizmu qiegħed jieħu azzjoni u jinfetaħ file. Fir-rigward tad-dar tat-tfajliet ġewwa Triq il-Fawwara s-Supt. Bartolo spjega li saru laqghat ma dawn it-tfajliet u ġew kemm il-darba ammoniti mill-pulizija sabiex iġibu ruħhom sew.

Fit-8.00 pm is-Supretindent Bartolo ġie skużat għall-kumplament tal-laqgħa.

## 4 Korrispondenza

Is-Sindku nforma lill-membri li ma kellu l-ebda korrispondenza għal din il-laqgħa.

## 5 Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni

5.1 Il-pagamenti flimkien mal-petty cash ġew diskussi w approvati unanimament mill-membri kollha.

## 6 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 706 sa lment numru 733.

| | |
|---|---|
| 706 | Transport Malta |
| 707 | Transport Malta |
| 708 | Ħaddiema Assenjati |
| 709 | Enemalta |

| | |
|---|---|
| 710 | Transport Malta |
| 711 | Transport Malta |
| 712 | Ħaddiema Assenjati |
| 713 | Irid ikun identifikat fejn trid tiġi l-lampa qabel ma ssir l-applikazzjoni mal-Enemalta |
| 714 | Transport Malta |
| 715 | Jiġi ddentifikat post ta' fejn jista' jsir mingħajr ma jintilef parkeġġ |
| 716 | Il-madum ma jistax jissewwa peress li sfronda u jrid jinqala' |
| 717 | Ħaddiema Assenjati |
| 718 | Isiru żewġ barriers |
| 719 | Issir applikazzjoni mal-Enemalta |
| 720 | Contract Manager |
| 721 | Koptasin |
| 722 | Irid isir l-infurzar |
| 723 | Northern Clean – Ġie ssuġġerit sabiex isiru CCTV fuq il-pont ta' Triq Regjonali |
| 724 | Titwaħħal sticker |
| 725 | Ħaddiema Assenjati |
| 726 | Transport Malta |
| 727 | Ħaddiema Assenjati/Contract Manager |
| 728 | Contract Manager |
| 729 | Problemi strutturali fit-triq għaldaqstant inkellmu l-perit fuq l-ispiża apparti irridu naraw il-pożizzjoni tal-Gvern vis a vis din it-triq. |
| 730 | Transpost Malta |
| 731 | Central Asphalt |
| 732 | Koptasin |
| 733 | Din inkluża fix-xogħol infrastrutturali |

## 7. Ordnijiet tal-ġurnata

### (b) Festa 2015

Is-Sindku nforma lill-membri li bħal ma sar fi snin ta' qabel il-Kunsill irid jieħu ħsieb:

- mowbajl toilets,
- extras tal-pulizija/gwardjani,
- meters tad-dawl temporanji,
- bukketti tal-fjuri għall-Festa ta' Fleur de Lys u għall-festa ta' Santa Venera.

Il-Membri qablu unanimament

Is-Sindku nforma lill-membri dwar proposta li l-Kunsill irċieva mingħand il-Fondazzjoni Wirt Vendriż sabiex fl-14 ta' Lulju jagħmlu festin tal-festa fil-parti ż-żgħira tal-ġnien Romeo Romano.

Il-Membri qablu unanimament ma' din il-proposta u kien deċiż li dan il-festin isir fil-parti ta' barra tal-ġnien minflok fil-parti ż-żgħira.

**(ċ) Xogħol Infrastrutturali**

Is-Sindku informa lill-membri li wasal iż-żmien sabiex jibdew xogħolijiet infrastrutturali. Is-Sindku rrimarka li x-xogħol f'Misraħ il-Barrieri ma tkompliex qabel minħabba l-fatt li kellu jsir ix-xogħol ta' trinek fi Triq l-Imsida li żbukkaw fi Triq Misraħ il-Barrieri u minħabba iċ-ċint ta' Francis Busuttil & Sons (Bandallu) li kien inbena. Issa l-Kunsill irċieva konferma mingħand il-Mepa li nħareġ enforcement lil Francis Busuttil sabiex sal-aħħar t'Awwissu irid jitwaqqa' l-periklu tal-parti li kienet inħarqet fl-2008 u b'hekk jitwaqqa' iċ-ċint li kien inbena temporanjament. Għaldaqstant il-Kunsill għandu garanzija li din it-triq ser terġa' tiġi kif kienet qabel u b'hekk l-asfaltar ikun jista' jsir minn naħa għall-oħra.

Is-Sindku qal li apparti dan kien hemm diskussjonijiet mal-Gvern Ċentrali invista tal-fatt li minn dak in-nhar il-materja prima għoliet fil-prezz. Infatti l-prezz tal-asfaltar (tarmak) kien jiswa €17 kull metru kwadru mentri issa jrid jinħadem bil-prezz il-ġdid ta' €25 kull metru kwadru jiġifieri varjanza ta' €8 ta' kull metru kwadru.

Wara l-kalkoli fuq l-istimi li tagħna l-perit irriżulta li d-differenza tal-varjazzjoni ser tkun bejn 9% u 12% u b'hekk il-Kunsill ikun qiegħed jimxi skont il-Liġi Sussidjarja fejn il-varjazzjoni ma tistax tkun iktar minn 20% tal-ispiża oriġinali.

Is-Sindku nforma lill-membri li Misraħ il-Barrieri ser ikun maqsuma fi tlett biċċiet u ġiet inkluża wkoll il-parti li ma kienitx fil-pjan tal-PPP dik kif toħroġ minn Triq il-Lunzjata fid-direzzjoni tal-Lidl.

Is-Sindku ppropona waqt li jkun qed isir dan ix-xogħol għandhom isiru l-bankini ta':

- Triq Misraħ il-Barrieri,
- Triq San Ġorġ (il-parti l-ġdida fejn il-Klabb tal-Inter)
- Triq Tumas Dalli k/m Triq Kanonku Bonnici
- Triq is-Soll k/m Triq Misraħ il-Barrieri

Is-Sindku ppropona wkoll sabiex tinbena mill-ġdid Triq iż-Żonqor inkluż il-bankini u tiġi rranġata Triq Mons. DePiro l'parti fejn qed tisfronda.

Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera SVR 1013.
TELEPHONE: (00356) 21491030 FAX: (00356) 21491664
Indirizz: santavenera.lc@gov.mt Sit elettroniku: http://www.santavenera.lc.gov.mt

Is-Sindku qal li din l-ispiża ta' dan ix-xogħol infrastrutturali ser titħallas mill-flus li qed jidħlu mir-Regjun li bħalissa l-ammont ilaħħaq –il €100 000. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati**

Ġew ippreżentati l-minuti tad-disa' (9) laqgħa tas-sotto Kumitat tal-Kultura u l-Wirt Storiku liema laqgħa saret f' Marzu, 2015.

**9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

9.1 Is-Sindku informa lill-membri li wasal iż-żmien li l-Kunsill ifassal *traffic managment system* għal Triq ix-Xarretta u Triq il-Kaless, sabiex dawn iż-żewġ toroq isiru *one way* waħda kontra l-oħra u b'hekk il-*flow* tat-traffiku jonqos u mill-banda l-oħra ma jintilfux l-ispazji tal-parkeġġ. Is-Sindku qal li l-ewwel trid issir pjanta tat-traffic management u wara nistiednu għal laqgħa pubblika ta-konsultazzjoni lir-residenti tat-triq ix-Xarretta u triq il-Kaless. Wara jekk ikun hemm qbil inkunu nistgħu nibdew diskussjonijiet ma' Transport Malta sabiex isir dan it-tibdil.

Il-Membri qablu unanimament.

9.2 Is-Sindku informa lill-membri li issa huwa l-mument opportun lil-Kunsill jitkellem mal-Perit sabiex ikun hemm aċċess minn Triq il-Madonna tal-Karmnu għall-ġnien Romeo Romano. Dan jista' jsir billi jinfetaħ bieb minn Triq il-Madonna tal-Karmnu u b'hekk ir-residenti tal-viċinanzi jkollhom aċċess faċli għal dan il-ġnien.

Il-Membri qablu unanimament.

9.3 Is-Sindku nforma lill-membri li għaż-żjara tat-Twinning li jmiss bejn l-24 u it-28 ta' Ġunju 2015 li ser tkun Reggio Calabria l-ebda membru tal-Kunsill m'hu ser ikun preżenti u b'hekk din id-delegazzjoni ser tkun immexxija mis-Sur Joe Carbonaro u miegħu ser ikun hemm sitt persuni oħra kollha ġejjin minn xi għaqda Vendriża. Is-Sindku kompla billi qal li hemm *issue* dwar l-aħħar żjara li ser issir Kastoria fil-Greċja

minħabba l-fatt li l-ġranet jaħbtu fil-ġimgħa ta' qabel il-festa bejn id-19 u it-23 ta' Lulju 2015.

**10 Aġġornament**

L-aġġornament tal-laqgħa ġie iffissat għal nhar it-Tnejn 13 ta' Lulju, 2015 fis-6.30 ta' filgħaxija b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

Il-laqgħa ntemmet fid-9.10 ta' filgħaxija.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum: 13/7/2015